MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. MĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tal-15 ta' Ġunju, 2016

Rikors Maħluf Numru: 1008/14 LM

**M.C.F. Company Limited (C 33224)**

**vs.**

**Charles u Mary sive Miriam konjuġi Buhagiar**
**(K.I. 683155M u K.I. 102355M rispettivament)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Maħluf tas-soċjetà attriċi **M.C.F. Company Limited** (minn issa 'l quddiem "is-soċjetà attriċi") ippreżentat fl-11 ta' Novembru, 2014, li jaqra hekk:

> 1. *Illi s-soċjetà attriċi hija l-proprjetarja tal-fond ossia ħanut Class 6 formanti parti minn blokka ta' appartamenti magħrufin bħala San Andreas Apartments fi Triq il-Gardiel, Marsaskala;*

*2. Illi għal madwar tliet snin minn Lulju 2010 sa Lulju 2013 l-intimati kienu qed jokkupaw l-imsemmi fond mingħajr titolu validu fil-liġi;*

*3. Illi l-esponenti kienet waslet f'akkordju sabiex dan il-ħanut jinkera versu kirja ta' mhux inqas minn ħamsin euro (€50) kuljum imma ma kienx possibbli għas-soċjetà attriċi li tikri l-imsemmi ħanut stante li dan kien okkupat mill-intimati billi ġewwa l-fond de quo anke kellhom affarijiet appartenenti lilhom u dan bi preġudizzju għas-soċjetà attriċi. Rinfaċċjat b'dan it-tagħrif, l-intimat wieġeb li ħamsin euro (€50) kuljum huma kera baxxa;*

*4. Illi l-intimati kienu ġew debitament interpellati sabiex jersqu għal-likwidazzjoni u ħlas ta' kumpens għall-okkupazzjoni tal-fond de quo permezz ta' ittra datata 31 ta' Lulju, 2013 iżda baqgħu inadempjenti (dok A.) għad li għaddew sabiex ineħħu ħwejjiġhom minn ġewwa l-fond de quo u dan kif se jiġi ppruvat aħjar fil-mori tal-kawża;*

*5. Illi għalhekk is-soċjetà attriċi għandha dritt għal-likwidazzjoni u ħlas ta' kumpens mingħand l-intimati għall-okkupazzjoni tal-fond de quo da parti tal-istess intimati;*

*6. Illi in vista ta' dan kollu, s-soċjetà attriċi sofriet dannu billi tilfet il-possibilità li tikri l-fond de quo meta lanqas ma ġiet renumerata għall-okkupazzjoni tal-istess fond mill-intimati;*

*7. Illi r-rikorrenti Carmel Farrugia jaf bil-fatt kollha hawn esposti personalment;*

*Illi r-raġuni ta' din it-talba hi li l-okkupazzjoni tal-fond ossia ħanut Class 6 formanti parti minn blokka ta' appartamenti magħrufin bħala San Andreas Apartments fi Triq il-Gardiel, Marsaskala kien okkupat mill-konvenuti mingħajr ebda titlu validu fil-liġi u kwindi s-*

*soċjetà attriċi għandha tiġi risarċita b'kumpens għall-okkupazzjoni tal-fond de quo da parti tal-intimati u għat-telf ta' kiri tal-istess fond;*

*Għaldaqstant is-soċjetà rikorrenti titlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti, prevja d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni, jogħġobha:*

1. *tiddikjara li l-fond ossia ħanut Class 6 formanti parti minn blokka ta' appartamenti magħrufin bħala San Andreas Apartments fi Triq il-Gardiel, Marsaskala kien okkupat mill-konvenuti mingħajr ebda titlu validu fil-liġi għal perjodu ta' tliet snin;*

2. *tiddikjara li l-konvenuti huma responsabbli versu s-soċjetà attriċi għall-ħlas ta' kumpens għall-okkupazzjoni tal-fond de quo;*

3. *tillikwida l-ammont ta' kumpens għall-okkupazzjoni tal-fond de quo mill-konvenuti, bl-opra, occorrendo, ta' periti nomnandi;*

4. *tordna lill-konvenuti sabiex iħallsu lis-soċjetà attriċi l-ammont ta' kumpens għall-okkupazzjoni hekk likwidat.*

*Bl-ispejjeż inkluż dawk tal-mandat ta' sekwestru numru 1668/2014 fl-istess ismijiet u bl-imgħax kontra l-konvenuti inġunti in subizzjoni u b'riżerva għal kull azzjoni oħra spettanti lill-istanti.*

Rat ir-Risposta Maħlufa tal-konvenuti **Charles Buhagiar u martu Miriam Buhagiar** (minn issa 'l quddiem "il-konvenuti") ippreżentata fil-5 ta' Diċembru, 2014 u maħlufa minn Charles Buhagiar li taqra hekk:

1. *Preliminarjament, l-eċċepjenti mhumiex il-leġittimi kuntradittturi għat-talbiet attriċi billi huma personalment la qatt okkupaw u lanqas biss kellhom pussess tal-garaxx inkwistjoni.*

2. *F'kull każ, it-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fil-liġi u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż.*

3. *F'kull każ ukoll, din il-kawża u t-talbiet tas-socjetà attriċi saru in mala fede, b'inizjattiva malinna ta' Carmelo Farrugia (483267M), sid is-soċjetà attriċi, u bl-iskop uniku li jżomm fis-seħħ mandat ta' sekwestru li għamel fuq il-flus tal-eċċepjenti, kif ser jiġi ppruvat aħjar fil-kors tal-kawża.*

Permezz tad-dikjarazzjoni annessa mar-Risposta Maħlufa tagħhom il-konvenuti **Charles Buhagiar u martu Miriam Buhagiar** iddikjaraw is-segwenti:

1. *Preliminarjament, l-esponenti mhumiex leġittimi kuntradittturi għat-talbiet tas-soċjetà attriċi billi huma personalment qatt ma okkupaw ebda proprjetà tagħha.*

2. *Charles Buhagiar huwa azzjonist fis-soċjetà Marina Cateres Limited (C-33908) bl-uffiċċju reġistrat fir-residenza tal-esponenti 68, Triq ta' Fuq il-Widien, Santa Marija Estate, Mellieħa. Din il-kumpanija għandha negozju fil-catering, u tmexxi l-cafeteria 'Country Style', f'Marsaskala. Dan kollu s-socjetà attriċi tafu tajjeb, tramite d-direttur u r-rappreżentant tagħha Carmelo Farrugia.*

3. *Preżentement, l-imsemmi Carmelo Farrugia għandu kwistjonijiet mat-tifel tal-esponent, David Buhagiar, dwar appartament sovrappost għall-garaxx inkwistjoni, li s-soċjetà attriċi biegħet lil David Buhagiar. Il-kwistjonijiet*

*jirrigwardjaw kont tax-xogħlijiet li Carmelo Farrugia għamel fl-appartament permezz ta' kumpanija oħra tiegħu, u li dwaru rregistra privileġġ u ipoteka legali.*

4. *Xi snin ilu, fil-kors ta' xogħlijiet li Marina Caterers Limited kienet qed tagħmel fil-ħanut tagħha f'Marsaskala, Carmelo Farrugia offra li jżomm bla ħlas xi attrezzi tagħha fil-garaxx inkwistjoni, u l-esponent Charles Buhagiar f'isem il-kumpanija aċċetta. Dawn l-attrezzi kienu jinkludu mwejjed, siġġijiet, umbrelel, forn u display counters, kollox proprjetà ta' Marina Caterers Limited.*

5. *Marina Cateres Limited qatt ma kellha pussess jew tgawdija esklussiva tal-garaxx, u Carmelo Farrugia dejjem żamm iċ-ċavetta, u l-bqija tal-affarijiet tiegħu fl-istess garaxx. Fl-aħħar tal-2012, imbagħad, l-istess Farrugia bidel is-serratura u ħa pussess esklussiv tal-garaxx, u tal-attrezzi ta' Marina Caterers Limited li kien hemm fih. Dan ġara fl-istess żmien li bdew il-kwistjonijiet bejn Carmelo Farrugia u t-tifel tal-esponenti. Dawn il-kwistjonijiet illum jiffurmaw il-mertu ta' tliet kawzi oħra.*

6. *La Carmelo Farrugia, u lanqas is-soċjetà attriċi, ma qatt talbu lill-esponenti joħorgu dawn l-attrezzi tagħhom mill-garaxx inkwistjoni qabel Lulju 2013, meta l-esponenti kienu ilhom xhur jiġru wara Farrugia bil-mezz tat-tifel tagħhom biex jieħdu l-affarijiet ta' Marina Caterers Limited mill-garaxx. L-ispiża tal-ġarr lill-burdnar ħallsitha l-istess Marina Caterers Limited.*

7. *Sal-lum Carmelo Farrugia personalment u/jew bil-mezz tas-soċjetà attriċi għadu qed iżomm fil-pussess tiegħu, u mingħajr ebda jedd legali, diversi attrezzi (inkluż 20 mejda u 60 siġġu) appartenenti lil Marina Caterers Limited.*

8. *Sakemm inqalgħu l-kwistjonijiet bejn Farrugia u iben l-esponenti, Carmelo Farrugia qatt ma semma, pretenda jew talab xi ħlas talli żamm dawn l-attrezzaturi fil-garaxx tiegħu.*

9. *F'kull każ, it-talbiet tas-soċjetà attriċi huma infondati fil-fatt u fil-liġi u l-esponenti ma għandhom iħallsuha xejn.*

10. *Kif ser jirriżulta aħjar fil-kors tal-kawża, it-talbiet attriċi saru in mala fede, b'inizjattiva malinna tad-direttur u azzjonist tagħha Carmelo Farrugia (483267M), li għandu l-iskop uniku li jagħmel ħsara lill-eċċepjenti billi jżomm fis-seħħ mandat ta' sekwestru fuq il-flus tagħhom.*

**Ikkunsidrat:**

Illi din hija kawża b'talba għal kumpens għall-okkupazzjoni bla titolu ta' fond bil-permess għal ħanut. Il-konvenuti qegħdin jilqgħu għat-talba attriċi fl-ewwel lok billi jallegaw li huwa ma kkuntrattawx magħha personalment imma f'isem kumpannija.

Illi f'materja tal-identità tal-persuna li tidħol f'rapport kuntrattwali ma' ħaddieħor, din il-Qorti tiġbed l-attenzjoni għal dawn il-pronunzjamenti tal-ġurisprudenza u fehmiet ta' kittieba tad-dritt ċivili u kummerċjali:

1) huwa prinċipju ġenerali li, f'ġieħ is-sikurezza tan-negozju ġuridiku, meta wieħed jagħmel ftehim, ikun jaf sewwa l-identità tal-persuna li

tkun qiegħda tobbliga ruħha lejh, jew li jkun qiegħed jobbliga ruħu lejha.[1]

2) hija ħaġa minn ewl id-dinja illi bniedem jikkuntratta għalih innifsu u kull min jidħol fi ftehim ikun ġustifikat jassumi, kemm għas-serħan il-moħħ tiegħu, kemm għas-sigurtà tal-operazzjonijiet kummerċjali, li jkun qiegħed jiftiehem mal-persuna li tkun daħlet fil-ftehim miegħu u mhux ma' ħaddieħor. Hemm ukoll il-prinċipju sagrosant li l-kuntratti jridu jsiru in *bona fede* u ħadd m'għandu jkun sorpriż b'allegazzjoni fiergħa li minflok ma' Kaju, huwa jkun ikkuntratta ma' Sempronju.

3) biex persuna li tidħol f'kuntratt torbot lil ħaddieħor li tkun qiegħda tirrappreżenta, din trid tagħmilha ċara mal-parti l-oħra li qed taġixxi f'isem ħaddieħor, u turi lill-parti l-oħra, b'mod ċar l-identità tagħha; dak li l-Taljani jsejħulha *spendita del nome*, jew il-*contemplatio domini.*[2] Il-mandat irid jintwera jew espressament inkella għall-inqas b'mod li l-parti l-oħra tkun raġonevolment taf li tkun qed tikkuntratta ma' persuna li tkun qiegħda tidher għal ħaddieħor.[3] Fl-assenza ta' turija espliċita, huwa neċessarju u fl-istess ħin biżżejjed *"un comportamento del rappresentante che, per univocità e concludenzia, sia idoneo a portare a conoscenza dell'altro contraente di diligenzia media"*[4] - hekk imsejħa *contemplatio domini per facta concludentia.* "In conseguenza la rappresentanza può essere dedotta – oltre che da una dichiarazione

---

[1] *Betti, Teoria generale del negozio giuridico, 574; Roppo, Il Contratto 275;* Qorti tal-Kassazzjoni Taljana 08.02.1985, n. 987, f'*Giur.it.,* 1985, I,1,1482.
[2] Vincenzo Roppo, *Trattato del Contratto*, 2006, Vol I, *Formazione,* paġna 761.
[3] **Frank Cilia noe. vs. Charles Scicluna** (Cit Nru 1337/90/JDC), deċiża mill-Qorti tal- Kummerc fis-27 ta' April 1992; **Philip Galea Souchet vs. Michael Falla**, Appell Kummerċjali, 4 ta' Mejju, 1973; **Frank Cilia noe vs. Charles Scicluna** deċiża fis-27 ta' April, 1992, Qorti tal-Kummerċ, (Vol LXXVI.iv.673); **Avukat Dottor Keith Bonnici noe vs. Mark Grima** deċiża fit-30 ta' April, 1992 ,Vol. LXXVI iv 677.
[4] Qorti tal-Kassazzjoni Taljana, 20.10.2003, n. 15691, Mass. For. It. 2003

espressa – da ogni altro elemento da cui risulti in modo inequivoco che l'attività del soggetto si svolga in attuazione di un potere rappresentativo a lui conferito."[5].

Jissokta jiġi preċiżat illi l-presunzjoni affermata fis-sentenza appena aċċennata kienet però waħda *juris tantum* u allura tammetti l-prova kuntrarja. Prova din li kienet tispetta lil persuna li kien qed jidher f'isem u għan-nom ta' persuna oħra. "Dan mhux biss kellu jipprova li hu kien qiegħed jaġixxi bħala mandatarju ta' ħaddiehor imma wkoll kellu jipprova illi tali fatt kien ġie a konoxxenza tal-persuna li magħha jkun qiegħed jikkuntratta" - **Lawrence Formosa *nomine et nomine* vs. Silvio Felice**, Appell, 6 ta' Ottubru, 1999.

"Mhux biżżejjed allura li l-appellanti jistrieħ fuq is-sempliċi dikjarazzjoni tiegħu illi hu qatt ma innegozja mas-soċjetà attrici f'ismu personali. Hu ħtieġlu li manifestament jipprova dan l-istess assunt tiegħu".[6]

Fil-każ ta' persuna li tkun qed tippretendi li tidher għal kumpannija, ingħad hekk: "Illi din il-Qorti temmen li meta negozju jkun ġestit minn soċjetà b'responsabilità limitata, u għaldaqstant minn persuna ġuridika indipendenti, huwa l-obbligu tagħha li tindika dan fl-aktar mod ċar u inekwivoku lit-terzi li jkunu qegħdin jinnegozjaw magħha. Tali indikazzjoni għandha ssir ukoll fuq l-*invoices*, *statements*, eċċ relatati ma' akkwisti magħmula minnha. Fin-nuqqas ta' tali indikazzjoni espressa t-terz għandu kull dritt jippreżumi li qiegħed jinnegozja ma' individwu, u fil-fehma tal-Qorti ma jistax jippretendi mod ieħor. Kien għalhekk jinkombi fuq il-konvenut *(omissis)* li jġib il-prova li s-soċjetà attriċi kienet

[5] Qorti tal-Kassazzjoni Taljana 10.12.1996, n. 10989, Mass For. It., 1996. Ara wkoll Roppo, op.cit., paġna 766.
[6] **Borg Cold Stores vs. Pickard Mario** – QA (PS) 19.10.2005.

ġiet mgħarrfa li n-negozju kien qiegħed jiġi ġestit minn soċjetà kummerċjali, skont hu s-soċjetà M.A.

Illi dan il-prinċipju ġie kostantament applikat mill-Qrati tagħna. Hekk, fil-kawża fl-ismijiet **Charles O'Flaherty noe. vs. Joseph Micallef** (Ċit. Nru 885/85/JDC), deċiża mill-Qorti tal-Kummerċ fl-24 ta' Ġunju, 1987, fejn il-fatti kienu simili għal dawk in eżami, ingħad:

> "Illi f'dawn iċ-ċirkostanzi din il-Qorti hija tal-fehma li l-konvenut hu obbligat personalment għall-ħlas, peress li ma jirriżultax li fiż-żmien meta kien isir in-negozju inkwistjoni huwa indika lis-socjetà attriċi li l-ħlas ma kellux isir minnu jżda minn soċjetà kummerċjali".[7]

4) l-i*spendita del nome* trid issir sal-mument meta l-ftehim ikun ġie ffinalizzat.[8] "Għar-rigward tal-portata tal-vinkolu kontrattwali, din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell tat-3 ta' Diċembru, 1999 mogħtija fil-kawża **Vella vs. Vella noe**. Skont din is-sentenza, il-mument determinanti huwa meta tiġi kontrattata l-obbligazzjoni. Huwa dak il-mument fejn min jikkontratta għandu l-obbligu li jiddikjara b'mod ċar u univoku illi f'dik il-kontrattazzjoni mhux qiegħed jidher f'ismu imma f'isem persuna oħra (fiżika jew morali) li trid tkun ben identifikata. Huwa fl-obbligu li jassikura li dan il-fatt ikun ġie sewwa a konoxxenza tal-parti l-oħra f'dak il-mument għaliex altrimenti jkun qiegħed jassumi personalment ir-responsabilità għan-negozju minnu kontrattat u għall-obbligi naxxenti minn dak in-negozju."[9]

---

[7] **Camel Brand Co. Ltd. vs. Michael Debono** 21.03.2002, Prim'Awla, per Imħallef R.C. Pace.
[8] **Lawrence Formosa *nomine et nomine* vs. Silvio Felice**, Appell, 6 ta' Ottubru 1999.
[9] **Golden Harvest Mfg. Co. Ltd. vs. John Muscat** 17.09.2012, Prim'Awla, per Imħallef J. Zammit McKeon.

"Hu dak il-mument li kien rilevanti u kien f'dak il-mument illi min innegozja mas-soċjetà attriċi kellu jirrileva b'mod ċar u univoku illi f'dik il-kuntrattazzjoni ma kienx qiegħed jidher f'ismu imma f'isem persuna oħra ben identifikata. Kellu jassigura li dan il-fatt ikun ġie sewwa a konnoxxenza tas-soċjetà attriċi f'dak il-mument għaliex altrimenti jkun qiegħed jassumi personalment ir-responsabbilità għan-negozju minnu kontrattat u għall-obbligi li kien jimporta (**John Vella noe v. Anthony Vella et**, Qorti tal-Appell, 3 ta' Diċembru, 1999)."[10]

5) meta persuna tallega li aġixxiet f'isem ħaddieħor, il-piż tal-prova jaqa' fuqha:

> "Ladarba rriżulta li l-ordni saret mill-konvenut sta għall-istess konvenut li jipprova li meta għamel l-ordni ma għamilhiex f'ismu personalment iżda għamilha għal xi ħaddieħor. Jekk din il-prova ma ssirx għas-sodisfazzjon tal-Qorti jsegwi li l-konvenut ikun tenut responsabbli personalment għall-konsegwenzi kollha li jiskaturixxu mill-istess ordni li għamel." [11]

Kif kien osservat fis-sentenzi tal-Qorti tal-Kummerċ **Cilia noe vs. Scicluna** (K/FGC) tas-27 ta' April, 1992 (LXXVI.IV.673) u **Bonnici noe vs. Grima** (K/JDC) tat-30 ta' April, 1992 (LXXVI.IV.677) u tal-Qorti tal-Appell **Caruana et vs. Magro et** tas-6 ta' Ottubru, 1999, hija ħaġa minn ewl id-dinja li normalment bniedem jikkontratta għalih innifsu, sakemm ma jindikax li qiegħed jikkontratta f'isem ħaddiehor, jew jekk dan ma jindikax espressament, il-kontraent l-ieħor ikun raġonevolment jaf illi jkun qiegħed jikkontratta f'isem ħaddieħor. Għalhekk fil-każ tal-lum, jinkombi fuq il-konvenuti l-oneru tal-prova tal-ewwel u tat-tieni eċċezzjonijiet u ċioè il-prova li l-kreditu pretiż minn Golden Harvest

[10] **Legend Real Estate Ltd vs. Ron Chetcuti**, il-Qorti tal-Appell.
[11] **Charles Mizzi et. noe vs Teddie (sive Edward) Borg,** Qorti tal-Kummerċ deċiża fl-10 ta' Mejju, 1990.

mhuwiex dovut minnhom personalment iżda mill-kumpannija Dolceria Italiana Limited, li tagħha jirriżulta li l-konvenuti huma l-azzjonisti u li tagħha jirriżulta li kienu t-tnejn diretturi fid-data tal-presentata tar-rikors ġuramentat.[12]

6) Il-provi f'dan ir-rigward għandhom jintiżnu fid-dawl tar-regola li fin-nuqqas ta' provi jew anki fid-dubju l-mandat ma jistax jiġi preżunt, anzi għandu jigi eskluż (Troplong mandato no. 50) ċitata fil-kollezzjoni Vol XLII.ii.203…

> "Is-sentenza tal-Qorti tal-Appell tas-6 ta' Ottubru, 1999 fil-kawża **Formosa et noe vs. Felice** tat direzzjoni preċiża fis-sens illi sostniet li kien jispetta lill-ġudikant li jiżen iċ-ċirkostanzi ta' kull każ biex jasal għall-konvinċiment jekk kellux jew le jkun apparenti lill-kontraenti illi xi parti kienet qed tidher in rappresentanza ta' ħaddieħor. Ċerti każijiet huma ovvji, oħrajn mhumiex daqstant ovvji. Fejn hemm dubju però wieħed għandu jippresumi illi l-persuna li qed tikkontratta kienet qed tagħmel hekk f'isimha proprju."[13]

## Ikkunsidrat:

Illi s-soċjetà attriċi u l-konvenut kellhom x'jaqsmu ma' xulxin fil-bini tal-ħanut inkwistjoni, tliet appartamenti u penthouse fuqu. Is-soċjetà attriċi ssostni li daħlu bi sħab biex jibnu din il-blokka flimkien, iżda l-konvenut ma ħariġx sehmu mbagħad beda jiċħad li kien daħal bi sħab imma biss li ħallas għall-appartament minnhom – dak ta' taħt il-*penthouse* li fil-fatt akkwista ibnu David, u l-appartament ta' taħtu li akkwista l-konvenut. Is-soċjetà attriċi żammet il-*penthouse* u l-appartament ta' fuq il-ħanut

[12] **Golden Harvest Mfg. Co. Ltd. vs. John Muscat** 17.09.2012, Prim'Awla, per Imħallef J. Zammit McKeon.
[13] Ibid.

filwaqt li l-ħanut kellu jibqa' komuni. F'dan in-negozju kollu skont Carmelo Farrugia, direttur tas-soċjetà attriċi, qatt ma ssemma li Charles Buhagiar kien qed jaġixxi għan-nom ta' xi kumpannija.[14] Charles Buhagiar personalment ħareġ tliet ċekkijiet biex iħallas għall-binja.[15]

Illi s-soċjetà attriċi sabet tikri l-ħanut iżda l-konvenut oġġezzjona li kien ftit wisq u ftit tal-jiem wara Charles Buhagiar talab lil Carmelo Farrugia biex jaħżen xi affarijiet fil-ħanut u hekk għamel. Farrugia kien jaf li l-affarijiet kienu jintużaw fil-ħanut *Country Style* li kien ftit distanza 'l bogħod mill-ħanut inkwistjoni. Fi kliem Carmelo Farrugia, "Ngħid li Buhagiar qatt ma semma kumpanniji. Qatt ma tani x'nifhem li l-affarijiet li kien se jpoġġi hemm ġew kienu ta' xi kumpannija. Għall-kuntrarju, dejjem tkellem miegħi fis-sens li hu kellu xi affarijiet li ried ipoġġi hemm ġew".[16]

Illi ġara li r-relazzjonijiet ta' bejn Carmelo Farrugia u Charles Buhagiar iddeterjoraw u għalhekk Carmelo Farrugia b'ittra tal-31 ta' Lulju, 2013 Carmelo Farrugia interpella lil Charles Buhagiar biex ineħħi l-affarijiet mill-ħanut.[17] Għal din l-ittra, Charles Buhagiar wieġeb personalment u ma allegax li ma kienx hu li talab għall-ħażna tal-oġġetti fil-ħanut. Mistoqsi dwar dan waqt din il-kawża, Charles Buhagiar wieġeb li Carmelo Farrugia daħħal lilu personalment sabiex ikun jista' jagħmillu sekwestru.[18] Tweġiba li ma hija xejn konvinċenti.

---

[14] Affidavit ta' Carmelo Farrugia, para. 10, a fol 27.
[15] Esebit a fol 44 sa 46.
[16] Affidavit ta' Carmelo Farrugia, para 13, a fol 27, u ri-eżami a fol 42.
[17] Fol 5.
[18] Fol 91.

Illi in kontroeżami, **Carmelo Farrugia** xehed hekk:

**Dr Phyllis Aquilina:** Taf li f'dak il-ħanut kien fi sħab ma' xi ħadd?

**Carmelo Farrugia:** Charles Buhagiar niftakar li kien ma' wieħed bi sħab fuq dak il-ħanut u naf ukoll li kellhom it-trouble u telaq u żammu Charles Buhagiar.

**Dr Phyllis Aquilina:** X'taf iktar fuq dan in-negozju?

**Carmelo Farrugia:** Dak biss naf.

**Dr Phyllis Aquilina:** Kif tafu dan?

**Carmelo Farrugia:** Mhux għax kont immur ma' ġenbu l-ħanut u narah hemm.

Illi xehed ukoll li huwa mar fil-ħanut tliet darbiet.

Fil-kontroeżami, **Carmelo Farrugia** qal li "il-kumpannija ta' Buhagiar qatt ma ssemmiet, smajtha l-aħħar li kellna l-Qorti; dejjem lil Charles Buhagiar naf".[19]

Illi skont **Charles Buhagiar**, Carmelo Farrugia "kien jaf li dawn l-affarijiet tal-kumpannija, kien jaf li kumpannija **naħseb[20],** ġieli ddiskutejna u ltqajna għand ħabib tiegħi. Każ minnhom konna ltqajna qed niddiskutu

[19] Fol. 37.
[20] Enfasi miżjuda mill-Qorti.

xi taxxa u semmejtlu x'għandna bħalma kellu hu… Kien jaf li fil-ħanut qiegħed bi sħab jiena. Kien jaf għax anke darba minnhom talabni biex jissellef, li għadhom għandu, imwejjed u siġġijiet milli kellna ġol-garaxx stess. Jien kont għidtlu li għalija m'hemmx diffikultà, kemm ngħid lil sieħbi".[21] Carmelo Farrugia ċaħad li kellmu fuq xi kwistjoni tal-VAT li kellha l-kumpannija Marina Caterers Limited li għandha negozju fil-*catering*, u tmexxi l-kafetterija *Country Style* f'Wied-il-Għajn, u li tagħha Buhagiar huwa azzjonist.[22]

Illi Marina Caterers Limited ġiet irreġistrata mar-Reġistru tal-Kumpannija fil-11 ta' Mejju, 2004.[23]

Illi meta nħarġu l-affarijiet li kellu maħżuna, tqabbad burdnar li tħallas b'ċekk tal-kumpannija Marina Caterers Limited.[24]

Illi applikati s-suesposti pronunzjamenti tad-duttrina u tal-ġurisprudenza għall-każ preżenti:

i) ir-relazzjoni li wasslet għall-ftehim dwar il-ħażna tal-oġġetti dejjem kienet bejn is-soċjetà attriċi u l-konvenut personalment;

ii) ma jirriżultax b'mod univoku li s-soċjetà attriċi kienet taf bl-eżistenza tal-kumpannija Marina Caterers Limited. Għalkemm jirriżulta li kienet taf li l-kafetterija tal-konvenut fil-bandli ta' Wied il-Għajn kien jiġġestiha l-konvenut bi sħab ma' ċertu Barbara, u li f'xi żmien dan ma baqax sħab

[21] Fol. 91 u 92.
[22] Fol. 42.
[23] Fol. 54.
[24] Fol 92.

ma' Buhagiar, dan ma jfissirx però li kien jaf bil-kumpannija. Il-konvenut jallega li s-soċjetà attriċi kienet taf bil-kumpannija Marina Caterers Limited għaliex iltaqgħu għand ħabib tiegħu u ddiskutew materji tal-VAT flimkien. Din l-allegazzjoni iżda ġiet miċħuda minn Carmelo Farrugia, direttur tas-soċjetà attriċi u l-konvenut ma pproduċiex bħala xhud f'dina l-kawża lill-ħabib li quddiemu suppost saret il-konversazzjoni. Għalhekk fl-aħjar ipoteżi għall-konvenut, jibqa' d-dubbju jekk is-soċjetà attriċi kinitx taf b'Marina Caterers Limited, u dan id-dubbju għandu jmur favur is-soċjetà attriċi. Saħansitra anke l-konvenut innifsu jesprimi dan id-dubbju meta jixhed li **jaħseb** li s-soċjetà attriċi kienet taf bil-kumpannija Marina Caterers Limited;

iii) il-fatt waħdu li l-oġġetti kienu proprjetà ta' Marina Caterers Limited ma jfissirx li l-ftehim sar magħha.

iv) il-konvenut, mitlub biex ineħħi l-oġġetti, meta wieġeb, ma weġibx li ma kellux x'jaqsam personalment għax kienet Marina Caterers Limited li ftiehmet dwar il-magazzinaġġ mas-soċjetà attriċi;

v) l-irċevuta lill-burdnar, apparti li hi *res inter alios acta* għas-soċjetà attriċi, saret ferm wara d-data li fiha ġie konkluż il-ftehim, u li hija l-*punctum temporis* rilevanti.

**Decide**

**Illi għalhekk il-konvenut ma rnexxielux jeħles mill-piż tal-prova, imposta fuqu, li jipprova, b'mod univoku u mingħajr l-ebda dubbju, li**

**huwa kkuntratta f'isem Marina Caterers Limited, u li fil-mument tal-konklużjoni tal-ftehim ġab dan a konoxxenza tas-soċjetà attriċi.**

**Għaldaqstant din il-Qorti qiegħda tiċħad l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti.**

**Spejjeż ta' din is-sentenza a kariku tal-konvenuti.**

Moqrija.